MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-16 ta' Frar, 2006

Rikors Numru. 65/2006

Joseph Bartolo u martu Mary Bartolo
vs
John Mary Vella, William Vella u Ruth Galea

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors ta' John Mary Vella, William Vella u Ruth Galea li bih esponew:

Illi fis-27 ta' Ottubru 2005 il-Qorti kienet ordnat il-hrug tal-mandat ta' sekwestru 1670/05 (Dok A) ghas-somma ta' disgha u sittin elf u disgha mitt Lira Maltija (Lm69,900);

Illi kif kien irrizulta minn dikjarazzjoni rilaxxata mill-HSBC Bank Malta p.l.c. fil-25 ta' Jannar 2006 (Dok B), kienet giet sekwestrata s-somma ta' sebghin elf tmien mija u sitta u hamsin Lira Maltija (Lm70,856) f'kont bankarju numru 013-183553-100;

Illi ghalhekk kien hemm garanzija bizzejjed sabiex taghmel tajjeb ghall-pretensjoni tal-intimati;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbu lill-Qorti sabiex a tenur tal-Artikolu 836(c) u (e) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru in kwantu dan kien qieghed jolqot flus investiti mal-Bank of Valletta p.l.c., Lombard Bank p.l.c., APS Bank u HSBC Bank Malta p.l.c. bl-eccezzjoni tal-flus li kien hemm fil-kont numru:013-183553-100.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat illi fis-seduta tal-lum Joseph Bartolo assistit minn Dr. James Muscat Azzopardi u Mary Bartolo assistita minn Dr. Victor Scerri ddikjaraw li huma mhux qed jopponu ghat-talba ta' John Mary Vella, William Vella u Ruth Galea.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk wara li rat id-dikjarazzjoni tal-intimati, peress li t-talba tar-rikorrenti tidher gustifikata, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 836(c) u (e) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili qed tilqa' t-talba tar-rikorrenti u qed tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru in kwantu dan kien qieghed jolqot flus investiti mal-Bank of Valletta p.l.c., Lombard Bank p.l.c., APS Bank u HSBC Bank Malta p.l.c. bl-eccezzjoni tal-flus li kien hemm fil-kont numru: 013-183553-100.

Spejjez bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------